KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

11 ta' April 2017

**Seba LEĠISLATURA**

**AĠENDA Numru [40]**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **40** li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 17 ta' April 2017 fis-7.30 p.m.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

**Data** : 11 ta' April 2017

---

**AĠENDA**

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 38 u Nru 39

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/ Korrispondenza

33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

33.5 **Rapporti**

33.5.1 Kuntratt Lift

33.6 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**
33.6.1 Skeda ta' pagamenti
33.6.2 Purchase Orders
33.6.3 Works Orders
33.6.4 Petty cash

33.7 **Mozzjonijiet**

33.7.1 Mozzjoni Nru 1/2017- Proġett dwar l-underground parking fil-Mosta

33.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 – Malta
Tel: (+356) 21416841 Fax: (+356)21410245 Email:mosta.lc@gov.mt

MOSTA
LOCAL COUNCIL
17 MAR 2017
RECEIVED

Mozzjoni numru **0001/17**

Preżentata fis-17 ta' Marzu, 2017

Mozzjoni Proġett dwar l-*underground parking* fil-Mosta

---

**Għanijiet:** Il-Kunsill Lokali tal-Mosta jixtieq li l-proġett isir f'sit alternattiv u mhux biswit /u /jew wara l-knisja tar-Rotunda.

**Billi:**

Filwaqt li jippremettu:

i) Illi l-lokalita` tal-Mosta qiegħda tikber b'pass mgħaġġel ma' kuljum li jgħaddi, kemm mil-lenti residenzjali iżda anke minn dik kummerċjali. Filfatt, in-numru ta' impjegati li jaħdmu l-Mosta jlaħħaq mas-sebat elef ruħ, u ser ikompli jikber.

ii) Illi dan huwa sinjal pożittiv ferm għall-belt Mostija, iżda ġab miegħu wkoll problema kbira ta' konġestjoni ta' traffiku kif ukoll nuqqas serju ta' parkeġġ, b'mod speċjali fiċ-ċentru tal-Mosta.

iii) Illi l-Kunsill Lokali kien, għadu, u jibqa' determinat sabiex jikkunsidra kull inizjativa, ħidma u/jew proġett li jista' jwassal għal soluzzjoni vijabbli għal din il-problema.

iv) Illi għalhekk, il-Kunsill Lokali tal-Mosta sa mill-bidu kien favur l-idea tal-*underground parking* propost mill-Gvern Ċentrali permezz ta' *Request for Proposals* maħruġ mill-Gazzetta tal-Gvern, nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2016. (Ref. No: PML/07/2016)

v) Illi l-Kunsill dejjem għamilha ċara li l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-proġett huwa suġġett għal garanzija li ma hemm **EBDA** riskju ta' ħsara strutturali għall-knisja tar-Rotunda.

vi) Illi skont ir-*Request for Proposals* maħruġ minn Projects Malta, tnejn mill-erba' siti proposti mill-Gvern għall-*underground parking* kienu biswit jew wara l-knisja

vii) Illi minkejja l-wegħda mill-Gvern li l-Kunsill Lokali ser ikun involut fil-proċess tal-għażla tal-aħjar proposta, sal-lum il-Kunsill Lokali tal-Mosta inżamm dejjem fid-dlam, u dan minkejja d-diversi talbiet għal-laqgħat u/jew informazzjoni dwar dan.

viii) Illi dan kollu qiegħed jippreokkupa bil-kbir lir-residenti Mostin u lill-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**Il-Kunsill jaqbel li:**

Illi l-Kunsill Lokali tal-Mosta jerga' għal darba oħra jtenni l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-proġett, jiddikjara illi ma huwiex favur li l-proġett isir biswit u/jew wara l-knisja tar-Rotunda, iżda li jsir f'sit alternattiv.

Ivan Bartolo
Proponent

Frans Deguara
Sekondant